MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 7/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Azzopardi talli fil-25 ta' Novembru, 2001 f'Hal Qormi ghall-habta tal-15.45hrs. ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rosalie Azzopardi kif iccertifika t-tabib Dr. Andrew Cassar M.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Alfred Azzopardi hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Azzopardi, minnu pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2003 li permezz tieghu

talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet id-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Mejju, 2003; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh bejn l-appellant u martu fil-*garage* fejn kien jahdem l-istess appellant. Bhalissa bejn l-appellant u martu jirrizulta li hemm proceduri gudizzjarji ghal separazzjoni. Jirrizulta li fil-jum u fil-hin indikati fl-imputazzjoni mart l-appellant marret f’dan il-*garage* biex tara jekk fil-fatt hemm hekk kienx hemm mara ohra. Skond Rosalie Azzopardi, zewgha laqaghha fil-bieb tal-*garage* u ma riedhiex tidhol gewwa, pero` hija irnexxielha tizgiccalu u dahlet gewwa xorta wahda. Hu qabadha, gew fl-idejn u imbuttaha fuq karozza li kien hemm gewwa l-*garage*, u wara tefaghha ‘l barra mill-*garage* b’mod tant goff li spiccat ma’ l-art u anke habtet mal-karozza taghha stess. B’rizultat ta’ din l-aggressjoni hija sofriet offizi ta’ natura hafifa f’idejha u f’wiccha. Skond l-appellant, invece, martu kif appena dahlet fil-*garage* marret fuq karozza ta’ klienta tieghu u tatha daqqa ta’ ponn fuq il-*mudguard*. Huwa gibed lil martu biex ma tkomplix taghmel hsara fuq din il-vettura, u din tfixklet u waqghet u giet fuq il-karozza taghha (li kienet parkeggjata barra l-*garage*).

L-appellant ghandu erba’ aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi li kellha quddiemha, specjalment in vista tal-fatt li kien hemm prova li verament kien hemm hsara fuq il-vettura (tal-klienta) li kienet tinsab fil-*garage*. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, hi tal-fehma li l-ewwel qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalkemm huwa veru li PS 318 Francis Rogers jghid li hu ra daqqa fuq in-naha ta’ wara tal-*mudguard* tal-lemin ta’ vettura li kienet fil-*garage* ta’ l-appellant, ma hemmx prova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li din id-daqqa saret deliberatament minn mart l-appellant (hi tghid li zewgha imbuttaha fuq din il-vettura). It-tieni aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li l-griehi li kellha martu huma kompatibbli ma’ waqa’ “meta xi

hadd xurban wara li jaghmel stargi bhalma ghamlet hi fil-*garage* ta’ l-appellant…jaqa’ facilment u jizloq bhalma fil-fatt ghamlet”. Anke hawnhekk, din hi kwistjoni ta’ apprezzament ta’ provi, apprezzament li l-ewwel qorti kienet f’posizzjoni ahjar minn din il-Qorti li taghmlu peress li kellha l-opportunita` li tisma’ lix-xhieda, u in partikolari lil Rosalie Azzopardi u lill-appellant (allura imputat), jiddeponu *viva voce*. Jinghad biss li ma hemm ebda prova, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, li mart l-appellant kienet xurbana fil-mument ta’ l-incident, u anqas hemm prova li ghamlet “stargi” fil-*garage*, liema *garage*, incidentalment hu taghha daqs kemm hu ta’ zewgha (kif ammetta l-appellant stess in kontro-ezami quddiem l-ewwel qorti).

Aggravju iehor (ara l-paragrafi numri 3 u 4 fir-rikors ta’ appell) hu fis-sens li dan kien kaz ta’ “provokazzjoni” da parti tal-mara tieghu, peress li din ghamlet hasara fuq proprjeta` ta’ terzi (il-karozza tal-klienta li kienet fil-*garage*) u ghalhekk wettqet reat. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, gie pruvat fuq bazi ta’ probabbilita` li mart l-appellant deliberatament ghamlet hsara fuq xi prorprjeta` ta’ terzi, dan il-fatt qatt ma kien jintitola lil zewgha li jerfa’ idejh fuqha jew li jitfaghha ‘l barra mill-*garage* b’mod li effettivament xkanaha ma’ l-art.

L-ahhar aggravju hu dwar il-piena (l-ahhar parti tal-paragrafu 4 fir-rikors ta’ appell). Din il-Qorti diversi drabi fissret li fejn si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna, ir-regola ghandha tkun li l-piena tkun wahda restrittiva tal-liberta` u b’effett immedjat. Mill-banda l-ohra, qorti ghandha dejjem izzomm quddiem ghajnejha c-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. L-abbili difensur ta’ l-appellant gibed l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghall-fatt li l-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta’ offiza volontarja hafifa fuq il-persuna jipprovdi ghall-piena “ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur jew il-multa” (sottolinear ta’ din il-Qorti), u ssollecita lil din il-Qort tapplika piena pekunjarja. Dak li l-imsemmi difensur, pero`, ma ttendix bih hu l-Artikolu 222(1)(a) ta’ l-istess Kodici, li jipprovdi li meta l-offiza ssir fuq il-persuna tar-

ragel jew tal-mara il-piena tizdied bi grad. Skond l-Artikolu 31(1)(f) tal-Kodici Kriminali, it-tlugh mill-piena tal-multa jsir ghal prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur. Ghalhekk, anke li kieku din il-Qorti (jew l-ewwel qorti) kienet propensa li tapplika l-piena tal-multa fil-kaz ta' incident bhal dak in ezami, minhabba l-fatt li l-offiza saret fuq il-persuna tal-mara ta' l-appellant (u peress li minhabba r-relazzjoni konjugali ma jistax jinghad li l-offiza hi moralment ta' importanza zghira – Art. 221(3)), il-piena ta' prigunerija kienet, f'dan il-kaz, wahda tassattiva. Mill-banda l-ohra, mill-fedina penali ta' l-appellant, ezibita quddiem din il-Qorti mill-Avukat Generali permezz ta' nota datata 5 ta' Mejju, 2003, jidher li dan kien l-ewwel incident serju li l-appellant kellu ma' martu. Kullma hemm fil-fedina penali hija kundanna ta' zewg liri ammenda fl-1974 ghax l-appellant kien saq vettura minghajr numri ta' registrazzjoni, u canfira u twiddiba fl-1987 talli kien hadem ta' "spray-painter" minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ghalhekk jista' jinghad li l-fedina penali hija wahda nadifa. Din il-fedina penali ma jidhirx li ngiebet ghall-attenzjoni ta' l-ewwel qorti. Jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li ghall-bidu mart l-appellant kienet propensa li ma tiehux passi kontra zewgha, ghalkemm wara jidher li rega' bdielha. Din il-Qorti hi tal-fehma li kemm biex is-sitwazzjoni bejn il-konjugi Azzopardi ma tezecerbax ruhha kif ukoll biex ikun hemm aktar kontroll fil-futur fuq l-imgieba ta' l-appellant fil-konfront ta' martu, huwa aktar indikat il-provvediment infraskritt.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan pero` li din il-Qorti qed tordna, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, li l-piena ta' xahar prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' tlett snin mill-lum, l-appellant Alfred Azzopardi jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Ghal kull buon fini, qed jigi dikjarat li l-Qorti spjegat bi kliem car lil hati r-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A imsemmi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------